Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Mejju 2025 (OR. en)**

**8501/25**

**Fajl Interistituzzjonali: 2025/0060 (NLE)**

**RECH 185**
**ATO 25**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 111 final; COM(2025) 111 annex |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<br>- Adozzjoni |

1. Fis-26 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[1]. Il-programm supplimentari ta' riċerka[2] attwali skada fil-31 ta' Diċembru 2023. Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tirrigwarda programm ġdid ta' 4 snin (2024-2027) għall-operazzjoni tar-reattur ta' fluss għoli bbażat fuq attivitajiet ta' riċerka tan-Nuclear Research and Consultancy Group V.O.F. - NRG (f'isem in-Netherlands), u l-Commissariat à l'énergie atomique et aux énergies alternatives - CEA (f'isem Franza).

2. Wara l-laqgħa tiegħu tat-28 ta' April 2025, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (Kwistjonijiet Atomiċi) laħaq qbil dwar din id-Deċiżjoni.

1 Id-dokument 7496/25 + ADD 1.
2 ĠU L 211/14, 3.7.2020.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-Reattur ta' Fluss Għoli għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8522/25;

– jitlob il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għall-informazzjoni.